Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-WIEHED W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 10 ta' Novembru 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Skuzat** | **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| | **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | | Sur | RALPH CASSAR |
| **Skuzata** | | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| | **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Stefan Cordina, Vici-Sindku talab li tigi sospiza l-laqgha sabiex jiskuza lis-Sur Pace li talab biex ikun skuzat ghax inqabad l-isptar minhabba li giet rikoverata membru tal-familja. Ghalhekk hu ha *over* sabiex jippresjedi l-laqgha.

Is-Sur Cordina beda billi talab li jigi diskuss item 3 minhabba li kien hemm xi residenti prezenti ghall-laqgha fuq dan is-suggett.

Hu qal li fil-weekend iltaqa' ma' s-Sur Roger Clark u hu qallu li jekk il-kuntrattur mhux se javvicinana sabiex jinbeda x-xoghol il-Kunsill kien se jqabbad kuntrattur iehor. Hu qal li pero' mill-Hadd l'hawn kien hemm xi zviluppi u l-kuntrattur wieghed li sa d-diehla ha jirranga t-triq.

Is-Sur Balzan, resident fi Triq il-Mingel qal li jispera li mhux ha jitraqqa l-pannu bil-qargha ahmar.

Is-Sur Cordina qal li l-*gutter* prezenti wera li l-ilma qed jinzel. Hu kompla billi qal li l-kuntrattur qal li sa jwessa' l-*gutter* sa massimu ta' 40cm. Qal li ghal din il-laqgha kien prezenti l-Perit tal-Kunsill u jekk ix-xoghol jippermetti titranga t-triq. Is-Sur Hector Camilleri, Manager tal-Bitmac qal li l-kumpanijna ghamlet *core test* u r-rizultati wrer li t-tarmak kien tajjeb. Is-Sur John P. Bonnici qal li kif ikun tiela' l-kuntrattur biex jibda x-xoghol niltaqghu fuq il-post u jghidilna x'se jaghmel.

Is-Sur Roger Clark qal li x-xoghol prezenti mhux tajjeb u inutli l-kuntrattur ghamel *core test* daqs landa tal-kunserva. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ghamel xejn inqas minn 150 triq bit-tarmak u qatt ma kien hemm problema ta' xoghol f'dawn it-toroq daqs din it-triq. Hu tenna li l-Kunsill ha jiktiblu u wieghed li triq isirilha x-xoghol mehtieg. Is-Sur Clark rega' qal dak li kien qal precendentament li t-triq trid tinqala', jitwitta z-zrar u jitpogga r-ramel u wara jsir it-tarmak kif suppost.

Is-Sur Marko Spiteri qal lis-Sur Clark li inutli qed jinghad dan id-diskors lill-Kunsill ghax hadd minnhom mhu tekniku.

Talab jitkellem ukoll is-Sur Franco Ebejer fuq l-*isleeping policeman* li hemm fit-triq tieghu quddiem id-dar tieghu. Ittra minghand ir-resident qed titressaq mal-korrispondenza. Is-Sur Cordina talab lis-Sur Ebejer iressaq il-proposti tieghu filwaqt li qal li din kienet saret xi sebgha snin ilu skond approvazzjoni mill-ADT u fuq talba tar-residenti. Is-Sur Ebejer qal li din saret biex tipprotegi l-

karozzi hergin minn Luigi Ellul u allura staqsa hu ghax ma saritx ohra ma' Triq Hal-Warda wkoll. Is-Sur Cordina qal li ma tistax taghmel *sleeping policeman* kull pass. Qal ukoll li iktar 'l fuq saru *rumble strips* u tnehhew fuq talba tar-residenti stess u hekk qed jerga' jintalab hawn. Is-Sur Ebejer qal li hu u r-residenti qed jitolbu li tinstab soluzzjoni u mhux li titnehha l-*isleeping policeman*. Qal li jekk isir xi incident wara li din tkun tnehhiet fuq talba taghhom malajr jehlu huma. Hu kompla billi qal li barra l-istorbju tal-karozzi tghidx kemm iwaqqghu debris it-trakkijiet barra l-istorbju taghhom ukoll telghin u nezlin kuljum diversi drabi matul il-gurnata. Il-Kunsill ghandu jitkteb l-ADT.

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sur Alfred Zammit talab korrezzjoni tal-minuti. Hu qal li fil-punti mqajjma tieghu fejn tissemma z-zebgha tal-*Gazebos* qal li trid tizdied il-frazi li 'Is-Sur Zammit baqa' jsostni li dawn ma sarux'. Is-Sur Cordina qal ukoll li meta semma c-citazzjonijiet tat-trakkijiet barra dawk ta' Triq il-Gradilja semma wkoll ta' Triq il-Linja.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand Franco Ebejer rigward sleeping policeman fi Triq Tumas Chetcuti.

🗁 Ittra minghand residenti fi Triq il-Linja, wara l-Corinthia sabiex titnehha *sleeping policeman* minn quddiem id-dar 'Meju'. Fil-fatt sidt id-dar 'Meju' kienet prezenti u wriet lill-Kunsill xi ritratti ta' *flooding* tal-*basement* taghha li huwa kollu konsegwenza tal-pozizzjoni ta' din l-*isleeping policeman*. Is-Sur Cordina qal li ghandu jsir dak li hemm bzonn sabiex din ir-residenta ma tkomplix issoffri danni.

🗁 Ittra ta' ringrazzjament minghand l-AAC ghall-ghajnuna moghtija waqt it-tellieqa li saret f'Settembru. Is-Sur Alfred Zammit hawn talab li jghaddi kumment. Hu qal li jinsab ferm urtat ghall-atteggjament li wera fil-konfront tieghu is-Sur George Farrugia, President tal-Klabb. Hu qal li x'hin kienu l-Kunsill dan qallu biex ma jipprezentax ruhu biex jaghti xi *trophy* ghax hu qatt ma jmid idu biex jghinhom f'xi haga meta jkunu qed jaghmlu x-xoghol ta' thejjija jew dakinhar. Is-Sur Zammit qal li hu dejjem ghen kif seta' u qatt ma prezenta ruhu f'xejn. Qal li kien dmir tieghu li jkun prezenti ghall-attivitajiet tal-Kunsill kif dejjem ghamel. Is-Sur Cordina qal li s-Sur Farrugia ma kellux dritt ikellmu hekk. Is-Sur Spiteri qal li s-Sur Farrugia ghandu jitlob skuza formali ghax inkella ha jitwaqqa' l-istatus tal-Kunsilliera u din trid issir bil-miktub. Is-Sur Zammit qal li jrid li l-Kunsill jitolbu skuza bil-miktub u jekk dan ma jsirx ma jinghatax *sponsor* iehor. Is-Sur Bonnici qal li anka hu jinsab iddispjacut ghax kull meta jigri t-tellieqa qatt ma jitnizzel ma' l-AAC. Qal li awtomatikament ghandu jkun membru ta' dan il-klabb. Qal ukoll li s-Sur Farrugia diga' kellu dizgwidi mas-Sindku ta' Haz-Zebbug u kien dejjem jiggieled mieghu. Ghandha tintalab apologija bil-miktub.

🗁 Ittra minghand Christopher Deguara, President tal-Klabb gdid tal-hamiem. Dawn talbu *sponsorship* ghall-gabbjetti tal-hamiem li jiswew xi €230-il wahda. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma setghux jinghataw iktar donazzjonijiet u dan b'effett mill-1 ta' Novembru skond il-ligi l-gdida. Kien hemm proposta li dawn jinghataw xi zebgha sabiex ikunu jistghu iduru l-post taghom u din it-talba ghalkemm ma gietx maqbula mis-Sur Cassar intlaqat. Biss is-Sur Cordina kellu jiccekkja jekk hix accettabbli din il-proposta.

🗁 Risposti ta' ittri mibghuta fuq *parking bays* fi Triq it-Tullier. Minhabba li ma kienx hemm oggezzjoni ghalihom mir-residenti dawn ghandhom isiru kemm jista' jkun malajr.

🗁 Ittra minghand id-*Dogs Trust* sabiex isir *exhibition* u tberik ta' l-Annimali f'Jannar. Din it-talba giet milqugha.

**3. TRIQ IL-MINGEL**

Is-Sur Cordina zied biss issa li l-Kunsill kellu c-cans jiddiskuti wahdu, li hadd ma qal li ha tinqala' t-triq u li hu qal ukoll li ha jiddiskutija. Ghaldaqstant qabel xejn ghandu jsir *core test* min zewg postijiet u ngibu stima qabel.

## 4. *ENERGY DAY* AGGORNAMENT

Din mhix sa ssir minhabba nuqqas ta' konkorrenza.

## 5. JUM H'ATTARD – GIEH H'ATTARD

Is-Sur Pace tkellem ma' organizattrici u din ha tiehu hsieb il-programm kollu flimkien mal-Banda 'La Stella Levantina'. L-ispiza ha tkun ta' madwar € 2,500. Ghandhom jintbaghtu l-inviti minnufih.

## 6. TENDERS

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet rapport rigward it-*Tender* tas-*Solar Syste*m u *water heater*. Fuq rakkomandazzjoni ta' espert f'dan is-settur intghazlu Bajada Group u ghalhekk ghandu jsir l-arrangament sabiex dawn jigu nfurmati bl-ghoti tat-tender u titwahhal is-sistema solari minnufih.

## 7. PRESIDENT'S VISIT

Il-Kunsill Lokali gie nfurmat li f'Marzu 2010 se ssir laqgha tal-President mal-NGO's u visita bejn id-9 u 12.00 fir-rahal taghna. Il-Kunsill ghandu jipprepara xi attivitajiet konnessi ma' din il-visita.

## 8. ATT NRU. XVI TA' L-2009 FIS-SEHH MILL-1 TA' NOVEMBRU.

Kulhadd inghata kopja tal-ligi gdida li ghaliha se ssir prezentazzjoni ufficcjali mill-Ufficcju ta' Chris Said. Giet enfasizzata l-importanza li l-ligi qisha l-Bibbja u li din ghandha tinqara u l-Kunsill jimxi fuq id-dispozizzjonijiet taghha.

## 9. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Talba sabiex issir plakka tac-ceramika ohra fit-triq is-Sieqja kif suggerit mis-Sur Godfrey Camilleri. Din ghandha titwahhal mad-dar 'Ramod' wara li tingab approvazzjoni.
- Tintbaghat ittra malajr lill-Pulizija u lill-Big Ben minhabba dik il-kamra li qed taqa' fi Triq Dun Mikiel Xerri ma' Dun Gwann Theuma.
- Il-Kunsill jibqa' jnaqqas l-ammont ta' skart goff mormi l-Ghallies u dan jintrema' fl-Amenity Site ta' hdejn Homemate.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punt:

- Hu talab li jinzabru s-sigar ta' Triq Victor Vassallo.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punt:

- Talba sabiex tittiehed decizjoni fuq Triq il-Linja l-parti ta' fuq li forsi mhux sa tkun popolari. Hu qal li hemm bzonn li jitnehha l-parking minn parti wahda biss it-tul tat-triq kollu. Hu qal ukoll li jaqbel mal-*one-way* li saret fil-parti t'isfel pero' wera x-xewqa li ssir sistema tat-traffiku ma' H'Attard kollu. Is-Sur Cordina qal li ha joqomsu tas-Santa Lucia Confectionery u r-residenti zgur. Hu qal ukoll li ha jipprova jaghmel laqgha mal-Perita Lara Demicoli.
- Suggeriment sabiex issir rotta minn H'Attard ghall-Universita' minhabba li din ga qed tinzel mimlija mir-Rabat. Il-Kunsill ghandu jiktab l-ADT

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talba sabiex jitranga l-BUS Shelter fi Triq il-Mosta minhabba li dan ma jilqax ir-rih u x-xita.
- Isir il-knis ta' Triq l-Imdina.
- Jinqatghu is-sigar ta' Gardina tal-Kromb minhabba dawk ta' quddiem tad-DVD

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Talba sabiex isiru l-Bays ta' Triq il-Passolina.
- Titwahhal tabella tal-klieb fi Triq il-Faqqiegh ma' Sienja.

Qabel ma' spiccat il-laqgha wasal is-Sur Joe Borg li prezenta lill-Kunsill xi talbiet u suggerimenti fosthom li jsir gemellagg ma' Minden, li jsir xoghol fuq il-*Leader Project* (Dan forsi jwassal sabiex jigi restawrat l-Embankment ta' triq il-Linja), li l-gardinara ghandhom ikollhom *Journyman Certificate*, li se jsiru shafts hdejn il-Pompa tal-Petrol ta' Michael Attard u gol-Barriera ta' Venven f'Wied Incita' bhalha parti mill-progett ta' underground *channelling* ta' l-ilmijiet tat-toroq..

**10. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm ghall-1 ta' Dicembru pero' qabel trid issir laqgha ta' aggudikazzjoni fuq it-*tender* tal-knis.

______________________ ____________________

Sindku Data